# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imħallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 53/2014**

Il-Pulizija

(Spettur Jurgen Vella)

vs

**Jean Pierre Mamo**

iben Emanuel, imwieled Pieta', fis-7 ta' Ottubru, 1982, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 546182(M)

Illum 23 ta' Ottubru, 2018,

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant Jean Pierre Mamo quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta):

1. Talli F'xi ħin fil-lejl ta' bejn il-31 ta' Diċembru 2012 u l-1 ta' Jannar 2013, ġewwa residenza bl-indirizz Binja Imsieraħ, Ent B, Flat 5, triq Ismek tifħierek, San Gwann ikkommetta serq ta' diversi oġġetti liema serq hu kwalifikat bil-lok, mezz, ħin u valur li jeċċedi l-elfejn u tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu ( €2,329.37) liema serq sar għad-dannu ta' Fiona Zammit u/jew persuni oħra.

2. U aktar talli nhar it-3 ta' Jannar 2013 u ġranet qabel, ġewwa l-Fgura u f'dawn il-ġzejjer xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b`qerq, jew akkwistati b`reat. Sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun indaħħal biex ibiegħu jew imexxih liema oġġetti huma laptop tal-marka Acer u Xbox li sar għal detriment ta' Fiona Zammit u/jew persuni oħra.

3. B'hekk sar reċidiv b`diversi sentenzi tal-Qorti liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula jew imħassra u dan ai termini 49, 50 u 289 tal-Liġijiet ta' Malta.

4. Ukoll talli naqas milli jħares xi waħda u/jew iktar minn waħda, mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, Maġistrat, Dr. A. Demicoli LL.D b'digriet datat 24 ta' Settembru 2010, li permezz tiegħu huwa ngħata il-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet, fosthom li ma jikkommettix delitt ieħor ta' natura volontarja.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tas-6 ta' Frar, 2014 fejn il-Qorti wara li rat l-li rat l-Artikoli 263, 267, 269, 270, 278, 280(2), 334, 579 (1),(2),(3), 533, 17, 31, 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-istess imputat ħati ta' l-akkużi indikati bħala numru tnejn (2), tlieta (3) u erbgha(4) u kkundannatu għall-piena ta' ħmistax (15)-il xahar priġunerija, ma sabitux ħati tal-ewwel (1) imputazzjoni, u għalhekk illiberatu minnha.

Rat ir-rikors tal-appellanti Jean Pierre Mamo minnu ppreżentat fl-14 ta' Frar, 2014 fejn talab lil din il-Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata tas-6 ta' Frar, 2014 fl-ismijiet il-Pulizija vs. Jean Pierre Mamo billi filwaqt li tikkonfermaha in kwantu tas-sejbien ta' ħtija fir-rigward ta' l-akkużi fejn instabet ħtija u in kwantu għad-dikjarazzjoni ta' mhux ħati għal akkuża ta' serq aggravat għaliex ma ġiex ippruvat li l-imputat kien daħal jisraq minn ġewwa residenza privata f' San Gwann, tvarjaha in kwantu l-piena, billi minflok il-piena nflitta tissostitwixxi għal istess piena, piena aktar ekwa u ġusta għall-każ odjern fiċ-ċirkostanzi u r-realtajiet partikolari għall-appellant.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

Illi jikkonsistu limitatament għall-piena ta' 15-il xahar priġunerija erogata mill-Ewwel Qorti;

Illi l-akkużi miġjuba fil-konfront ta' l-imputat illum appellant jirrisalu għal tlettax (13)-il xahar ilu;

Illi kif osservat l-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, minħabba li l-addebitu tar-reċediva ġiet ippruvata hija ddeċidiet li preċiżament għalhekk kienet sejra tagħti piena ta' priġinerija effettiva;

Illi l-appellant odjern qiegħed jikkontendi, u dan dejjem bl-ikbar umilta, illi l-kambjament li għamel fl-istil ta' ħajtu f'din l-aħħar sena huwa ta' fattur pożittiv sia għalih u sia għas-soċjeta in generali;

Illi jekk s-sentenza appellata tiġi kkonfermata, l-appellant odjern ser jintbagħat il-ħabs, u dan ifisser illi huwa se jsib lilu nnifsu f'posizzjoni fejn dak kollu li rnexxielu jikseb bi tbatija, sagrifiċċji kbar u għajnuna ta' diversi terzi, se jibda jaqta’ qalbu minnhu. Illi din il-persuna ilha għal diversi xhur, kważi sena terġa tipprova tibda ħajjitha mill-ġdid. L-appellant qiegħed preżentement jipprova jagħmel xi ħaġa ta' ġid b'ħajtu.

Illi l-idea ta' sistema restorattiva, fejn u safejn hu possibbli, u tenut kont anki taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, kif ukoll tal-preċedenti kriminali tal-imputat, għandha tingħata aktar ħsieb anki fil-konfront ta' dan l-appellant anki sabiex huwa jiġi nkoraġġut illi qiegħed jagħmel sew li jkompli jsegwi t-triq it-tajba, anki jekk kultant b'diffikulta għalih.

Illi l-appellant jixtieq li bl-akbar umilta jissottometti li l-piena ta' 15 -il xahar priġunerija kienet eċċessiva.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi dan l-appell jirrigwarda biss l-piena erogata mill-Ewwel Qorti peress li fil-fehma tal-appellant il-piena hija waħda eċċessiva. L-ewwel Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-addebitu tar-reċidiva u in fatti kkundannat lil appellant għal ħmistax (15) –il xahar priġunerija effettiva.

Illi tali piena hi waħda fil-parametri tal-liġi u hija viċin tal-mimimu pero' wara li ħadet konsiderazzjoni tar-rapport dettaljat preparat mill-probation officer dwar l-appellant , din il-Qorti tħoss li għandu jkun hemm varjazzjoni fil-piena imposta mill-Ewwel Qorti stante li f'dan l-istadju fil-ħajja tal-appellant u għas-soċjeta' ikun għaqli li jkun hemm din il-varjazzjoni. L-appellant bħalissa għandu xogħol stabbli u jieħu kull opportunita' ta' xogħol biex jmantni ruħu u dan l-atteġiament qed iżommu l-bogħod minn reati oħra.

Il-Probabtion officer li segwitu mill-viċin temmen li huwa importanti ħafna għall-ġid tal-appellant li jkun segwit kemm permezz ta' psikologu u ta' uffiċċjal tal-probation biex ikun jista' jaffaċċja problemi li kellu fi tfulitu u jibni pedamenti sodi f'ħajtu. Din il-Qorti tinsab konvinta li l-piena karċerarja tkun kontroproduċenti żgur f'dan l-istadju, pero' ser tieħu l-miżuri kollha biex dan ikompli mixi 'l quddiem u jkun hem redenzjoni.

Għaldaqstant, tilqa' l-appell ta' Jean Pierre Mamo billi tirriforma s-sentenza appellata fejn tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fejn illiberatu mill-ewwel (1) akkuża izda sabitu ħati tat- tieni (2) ,tielet (3) u raba' (4) akkuża migjuba kontra tiegħu. Tilqa' l-appell dwar il-piena billi tħassar u tirrevoka l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti ta' ħmistax (15)-il xahar priġunerija effettiva u minflok wara li qieset bir-reqqa dak li qalet l-uffiċjal tal-probation qed tpoġġi lill-appellant taħt ordni ta' probation għal tlett (3) snin fejn l-uffiċjal għandu jirraporta kull sitt (6) xhura dwar l-kompartament tiegħu, timponi fuqu *community service order* ta' sittin (60) siegħa u inoltre, tordna li matul il-perjodu ta' probation għandu jsegwi l-pariri ta' psikologu li mmur għandu regolarment.